**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Frar 2024**

**Drogi Każ Numru: 114/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**kontra**

**Patrick Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Patrick Mangion**, ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben Anthony u Joan xebba Camilleri, imwieled Hal Qormi nhar it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (1973), detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 68773M u residenti Blokk C, Flat 7, Triq Il-Ghajn, Valletta.

Akkużat talli fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-habta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u s-sebgħa u sbatax-il minuta ta' filgħaxija (19:17hrs) ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, Paola (Raħal Ġdid), Malta u matul il-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta u f'dawn il-gzejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu d-droga **Herojina (10.36 grammi)** speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li

jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati, bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta Malta u bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lil Patrick Mangion, u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[1];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

[1] A fol. 2 tal-atti proċesswali

Semgħet is-sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li wettaq ir-reat ta' pussess tad-droga herojina bi ksur tad-disposizjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta ta' bejn is-sitta u s-sebgħa u sbatax il-minuta ta' filgħaxija, u matul il-jiem ta' qabel din id-data, ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola. Il-Qorti qegħda tiġi mitluba tapplika l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll qegħda tiġi mitluba titratta mal-akkużat bħala reċediv.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda :-

1. **L-Ispettur Hubert Cini**[2] xehed dwar dak li ġie rapportat lilu dwar il-każ odjern fiż-żmien li huwa kien stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid. Huwa jgħid li nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30p.m.), il-Pulizija tal-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid ġew infurmati mill-*Control Room* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin illi waqt spezzjoni li kienet saret ġewwa ċella ta' priġunier kienet instabet sustanza ta' kulur kannella ġewwa borża tal-plastik żgħira. L-Ispettur Cini jgħid li PS 1258 kien mar fuq il-post u tkellem ma CO 143 Noel Buttigieg u CO 177 Matthew Cilia li spjegaw li waqt li kienu qegħdin jagħmlu spezzjoni ġewwa Diviżjoni numru tlettax (13), fiċ-ċella numru erbgħa u tletin (34) li fiha kien joqgħod l-imputat Patrick Mangion, sabu biċċa *foil* maħruqa fuq xkaffa taħt it-tieqa, kif ukoll borża żgħira bit-trab kannella ġewwa fiha taħt is-sodda. Il-Pulizija kienet ġiet infurmata ukoll li fl-istess ċella dak il-ħin kien hemm ukoll priġunier ieħor ċertu Sandro Mifsud.

   L-Ispettur Cini jgħid li l-imputat Patrick Mangion kien ingħata d-drittijiet tiegħu u kien ġie mitkellem mis-Surġent, iżda kien stqarr li ma kellu xejn xi jgħid. Is-sustanza flimkien mal-*foil* maħruq kienu ġew issiġillati ġewwa *evidence bag* bin-numru M000569578. Il-Pulizija tkellmet ukoll ma Sandro Mifsud li huwa residenti f'ċella numru tmienja (8) f'Diviżjoni numru tlettax (13). Huwa kien ingħata d-drittijiet tiegħu u kien stqarr mal-Pulizija li huwa ma kellux għalfejn ikellem avukat għaliex huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma dan il-każ.

[2] A fol. 55 tal-atti proċesswali

L-Ispettur Cini jixhed illi dakinhar stess huwa kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa u kienet infetħet inkjesta. Huwa jixhed ukoll li sussegwentement huwa kien kellem lill-imputat Patrick Mangion nhar it-tlieta (3) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) iżda l-imputat kien għażel li ma jirrispondi għall-ebda domanda[3]. L-Ispettur Cini għaraf ukoll il-firma tiegħu, il-firma tal-imputat, u l-firma tal-Ispettur Casha u PC 1802 Evan Scerri fuq id-dikjarazzjoni[4] li saret mill-imputat, fejn huwa għażel li ma jikkonsultax ma’ avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu.

Ix-xhud preżenta ukoll żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat, sentenza li ngħatat minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Edwina Grima, nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta’ Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011)[5] u sentenza oħra li ngħatat minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Giovanni Grixti nhar id-dsatax (19) ta’ Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011).[6]

In <u>kontro-eżami, </u>l-Ispettur Cini jispjega li CO 143 Noel Buttigieg u CO 177 Matthew Cilia kienu qalu lill-Pulizija li ċ-ċella kienet tal-imputat. Huwa jgħid li Sandro Mifsud jgħix f’ċella oħra, iżda dak il-ħin li saret l-ispezzjoni kien rieqed fiċ-ċella tal-imputat Patrick Mangion. Jgħid ukoll li ma jafx Sandro Mifsud kemm kien ilu rieqed fiċ-ċella tal-imputat għax dan ma rriżultalux mill-investigazzjoni. Huwa jgħid ukoll li ma kienx ivverifika jekk kienx hemm *cameras* jaħdmu barra miċ-ċella. Ix-xhud igħid ukoll li d-droga ġiet issiġillata fil-preżenza ta’ Patrick Mangion, iżda ma jafx fejn ġiet issiġġilata.

2. Id-difiża eżentat[7] lill-prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhieda lill-**Ispettur Casha** u lil **PC 1080 Evan Scerri** li kienu xhieda tad-dikjarazzjoni ta’ rifjut ta’ parir legali tal-imputat.

3. **PS 1258 Carmel Debattista[8]** xehed illi huwa kien stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta’ Raħal Ġdid u fil-jum mertu tal-każ odjern, huwa kien prepara r-rapport li jinsab eżebit fl-atti proċesswali[9]. Huwa jgħid li lill-imputat, li huwa għaraf fl-awla, kien tah id-drittijiet tiegħu u l-imputat kien qallu li huwa ma kellu xejn xi jgħid.

---

[3] Stqarrija eżebita *a fol* 4 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 3 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 61 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 64 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 28 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 29 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 20 tal-atti proċesswali

4. **SM 143 Noel Buttigieg**[10] xehed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30p.m.) kien saret spezzjoni f'Ċella numru erbgħa u tletin (34) ġewwa Diviżjoni numru tlettax (13), li fiha kien hemm l-imputat Patrick Mangion. Waqt din l-ispezzjoni fuq xkaffa fuq in-naħa ta' ġewwa, in-naħa tat-tieqa, nstab xi *foil* maħruq suspettat li ntuża fit-teħid tad-droga. Ix-xhud igħid li waqt l-istess spezzjoni nstab ukoll pakkett jew borża żgħira b'sustanza kannella. Igħid ukoll li fiċ-ċella kien hemm ukoll priġunier ieħor ċertu Sandro Mifsud. Wara li sabu din is-sustanza kien sar rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid. Ix-xhud igħid li meta kienu kellmu lil Patrick Mangion u lil Sandro Mifsud, ħadd minnhom ma kien wieġeb. Huwa jispjega li ċ-ċella kienet ta' Patrick Mangion, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla u Sandro Mifsud kien żar lil Patrick Mangion ġewwa ċ-ċella tiegħu.

   In <u>kontro-eżami,</u> ix-xhud igħid li l-allegata sustanza u l-*foil* ġew preservati ġewwa *evidence bag* u kien ġabarhom is-Surġent tal-Għassa ta' Raħal Ġdid. Huwa jgħid li ma jiftakarx jekk kienx elevahom hu jew il-kollega tiegħu, iżda jgħid li huma dejjem jelevawhom. Igħid ukoll li ġew elevati fil-preżenza tal-imputat. Ix-xhud jispjega li bħala proċedura x'ħin jelevawhom, ma jitilquhomx minn taħt idejhom sa x'ħin jitolbuhomlhom il-Pulizija x'ħin imorru jagħmlu r-rapport. Huwa jgħid li kienet intużat *evidence bag* minn tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li ma jkunux issiġillawha u dan għaliex ikunu jridu jerġgħu jiftħuha sabiex igħadduha lill-Pulizija. Jgħid ukoll li l-*evidence bag* ma jitilquhiex minn taħt għajnejhom sakemm ma jmorru l-Pulizija. Meta mistoqsi jekk iċ-ċella kinetx tissakkar jew le, ix-xhud igħid li huwa ma jafx għaliex xogħolu kien li jmur jagħmel it-tfittxija.

5. **L-Ispettur Helenio Galea**[11] xehed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, l-imputat kien ġewwa ċella numru erbgħa u tletin (34) f'Diviżjoni numru tlettax (13). In <u>kontro-eżami</u>, ix-xhud igħid li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-imputat kien f'ċella numru ħamsa (5) ġewwa Diviżjoni tlettax (13), fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien mar il-*forensic unit* u fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien mar ġewwa ċella numru erbgħa u tletin (34) f'Diviżjoni numru tlettax (13) u baqa' hemmhekk sakemm ma ħareġ mill-Faċilita' Korretiva ta' Kordin. Ix-xhud igħid ukoll li qabel ma jidħol priġunier ieħor fiċ-ċella, iċ-ċella titbattal u tiġi ċċekjata minn Uffiċjal. Ix-xhud eżebixxa ukoll l-'*inmates daily movement report'* li ġie

[10] A fol. 33 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 43 tal-atti proċesswali

mmarkat bħala 'Dok HG 1'[12], kif ukoll *case data report* li ġie mmarkat bħala 'Dok HG 2'.

6. **Id-Deputat Reġistratur Cora Azzopardi**[13] preżentat il-*proces verbal* minn fejn jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti, illum Imħallef Dr. Doreen Clarke, innominat lill-Professur Emanuel Sinagra sabiex janalizza s-sustanza misjuba u lil PC 959 Daniel Formosa bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat. Il-Qorti kkonfermat l-esperti li kienu ġew nominati fl-inkjesta.

7. **PS 959 Daniel Formosa** espleta l-inkarigu lilu mogħti u ġibed sitt ritratti tal-borża tal-evidenza kontenenti pakkett żgħir li fiha kien hemm is-sustanza kannella, liema ritratti ġew annessi mar-relazzjoni tiegħu.

8. **Il-Professur Emanuel Sinagra** espleta l-inkarigu tiegħu u preżenta r-rapport. Mir-relazzjoni tiegħu jirriżulta li huwa kien ġie mogħti dokument mill-Ispettur Hubert Cini li kien jikkonsisti f':-

   *"Envilop ta' lewn kannella li fih kellu evidence bag **M00569578** u li ġewwa din kien hemm: **biċċa li kienet tidher minn borża tal-plastik, żewġ biċċiet foil bil-ġmied u qartas tal-plastic trasparenti b'sustanza kannella li kellha piż ta' 10.36 gramma."***

   **Mir-riżultanzi miksuba mill-istess espert jirriżulta li:-**

   ***"Illi fuq estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 234_18_01, instabet is-sustanza Eroina. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 10.36 grammi u l-purita' ta' Eroina fis-sustanza kienet ta' ċirka 5%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."***

9. **Stephania Calafato Testa**[14] preżentat numru ta' sentenzi. Hija preżentat s-sentenza fl-ismijiet **Pulizija -vs- Patrick Mangion** deċiża fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) minn din il-Qorti diversament preseduta[15] u kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Hija preżentat ukoll *fines report*[16]. Ix-xhud preżentat ukoll sentenza

[12] A fol. 47 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 52 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 79 tal-atti proċesswali
[15] Dok SC a fol. 82 tal-atti proċesswali
[16] Dok SC 1 a fol. 85 tal-atti proċesswali

fl-ismijiet **Pulizija -vs- Patrick Mangion et** deċiża fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011)[17] minn din il-Qorti diversament preseduta u kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Hija preżentat ukoll *fines report*[18]. Ġiet preżentata ukoll sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Patrick Mangion** deċiża fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) minn din il-Qorti diversament preseduta[19] u kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Ix-xhud preżentat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Patrick Mangion** deċiża fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012)[20] minn din il-Qorti kif diversament preseduta u kkonfermat li ma kienx hemm appell. Hija preżenrat ukoll *fines report.*[21] Ġiet preżentata ukoll sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Patrick Mangion** deċiża fit-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019)[22] mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat Patrick Mangion kien detenut u li kien miżmum fiċ-ċella bin-numru erbgħa u tletin (34) ġewwa Diviżjoni numru tlettax (13) tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordina. Illi mix-xhieda ta' SM 143 Noel Buttigieg u mir-rapport ta' PS 1258 Carmel Debattista li ħa l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dakinhar li għamlu l-ispezzjoni fiċ-ċella tal-imputat, jirriżulta li fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30p.m.) kienet saret spezzjoni fiċ-Ċella li kien miżmum fiha l-imputat u fiha kienu nstabu biċċa *foil* maħruq suspettat li ntuża fit-teħid ta' droga, li nstab fuq xkaffa n-naħa ta' ġewwa tat-tieqa u borża b'sustanza kannella li nstabet taħt is-sodda fl-istess ċella, li rriżulta li kien fiha 10.36 grammi eroina.

Illi għalkemm ma hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiża dwar il-fatt li din id-droga nstabet fil-pussess materjali tal-imputat u dan fis-sens li din instabet taħt is-sodda taċ-ċella okkupata minnu, id-difiża tissottometti li l-att formali ma jirriżultax u dan stante li l-imputat ma kellux ix-xjenza li trid il-liġi fir-rigward tad-droga misjuba. Għalhekk skond id-difiża l-imputat ma jistax jinstab ħati li kien fil-pussess tad-droga eroina. Illi għaldaqstant din il-Qorti trid tiddeċiedi jekk mill-provi prodotti jirriżultax illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi sabiex jista' jingħad li l-imputat kien fil-pussess tad-droga misjuba.

---

[17] Dok SC 2 a fol. 86 tal-atti proċesswali
[18] Dok SC 3 a fol. 94 tal-atti proċesswali
[19] Dok SC 4 a fol. 95 tal-atti proċesswali
[20] Dok SC 5 a fol. 98 tal-atti proċesswali
[21] Dok SC 6 a fol. 101 tal-atti proċesswali
[22] Dok SC 7 a fol. 102 tal-atti proċesswali

Fir-rigward ta' dak li jammonta għall-pussess għall-finijiet ta' liġi, referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- John Borg** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fejn ingħad illi:-

> *"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

Referenza qegħda ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** deċiża fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), fejn in eżami tar-reat ta' pussess ta' droga u l-kelma 'xjentement' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet dan:-

> *"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens,*

*is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).”*

Fil-każ in eżami l-imputat għażel li ma jirrispondi għall-ebda domanda li saritlu waqt l-istqarrija li tteħditlu mill-Pulizija fit-tlieta (3) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u għażel ukoll li ma jiddeponix f’dawn il-proċeduri. Id-difiża tistrieħ prinċipalment fuq il-fatt illi priġunier ieħor, ċertu Sandro Mifsud, instab fiċ-ċella tal-imputat meta saret l-imsemmija spezzjoni mill-Uffiċjali tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Illi mix-xhieda ta’ SM 143 Noel Buttigieg li kien wieħed mill-Uffiċjali li għamel l-ispezzjoni fiċ-ċella tal-imputat, fil-fatt jirriżulta li fiċ-ċella tal-imputat kien hemm ukoll priġunier ieħor, ċertu Sandro Mifsud, li kien mar fiċ-ċella tal-imputat. Biss il-Qorti ma tqisx illi b’daqshekk, l-imputat ipprova, imqar sal-grad tal-probabbli, illi huwa ma kienx jaf bid-droga li nstabet fiċ-ċella tiegħu, jew li kien Sandro Mifsud li poggieha hemmhekk dik id-droga.

Id-difiża tallega fis-sottomissjonijiet finali tagħha li mill-mod kif instabet id-droga miftuħa fuq l-ixkaffa, kien jidher ċar illi l-priġunier Sandro Mifsud kien għamel użu minn dik id-droga u mhux l-imputat Patrick Mangion, għax skond id-difiża d-droga ma kinitx tal-imputat. F’dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet: fl-ewwel lok, mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin, fl-ebda ħin ma jirriżulta li Sandro Mifsud kien qiegħed jagħmel użu mid-droga fiċ-ċella tal-imputat meta saret l-ispezzjoni. Illi SM 143 Noel Buttigieg jgħid biss li l-biċċa *foil* maħruq suspettat li ntuża f’xi teħid ta’ droga, kienet fuq xkaffa fuq in-naħa ta’ ġewwa, in-naħa tat-tieqa, fiċ-ċella tal-imputat. Huwa jgħid ukoll li fiċ-ċella tal-imputat kien hemm wkoll priġunier ieħor, ċertu Sandro Mifsud, pero fl-ebda ħin ma igħid li kien jidher li Mifsud kien għamel xi użu mid-droga jew li l-*foil* maħruq instab fil-pussess ta’ Sandro Mifsud.

Illi *in oltre* jingħad li l-imputat kien l-unika persuna residenti f’dik iċ-ċella u Sandro Mifsud kien biss viżitatur. Id-droga nstabet moħbija fiċ-ċella tal-imputat u mhux fuq il-persuna ta’ Sandro Mifsud. Illi l-*foil* kien fuq xkaffa fuq in-naħa ta’ ġewwa, n-naħa tat-tieqa, fiċ-ċella tal-imputat u għalhekk fiċ-ċirkostanzi din l-Qorti tara li ma huwiex verosimili dak allegat mill-imputat u cioe’ li l-*foil* maħruq u mpoġġi fuq xkaffa fuq n-naħa ta’ ġewwa fiċ-ċella tal-imputat jindika li Sandro Mifsud kien qiegħed juża d-droga fiċ-ċella tal-imputat u li d-droga moħbija fiċ-ċella tal-imputat kienet ta’ Sandro Mifsud.

**Illi jingħad ukoll li fil-każ odjern ma nstabux xi traċċi żgħar ta’ droga, iżda t-trab in kwistjoni li nstab taħt is-sodda kien jikkonsisti f’10.36 grammi – ammont li ma huwiex insinifikanti u li jassumi iżjed sinifikat meta wieħed**

**iqis li dan instab fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.** Dan ifisser li mhuwiex verosimili illi terza persuna, u cioe' Sandro Mifsud, mar b'dak l-ammont tad-droga fiċ-ċella ta' persuna oħra, u cioe' fiċ-ċella tal-imputat sabiex jikkonsmaha u jaħbiha ad insaputa tiegħu hekk kif qiegħed jiġi allegat mid-difiża, li tallega ukoll li dak il-ħin tal-ispezzjoni l-imputat ma kienx fiċ-ċella tiegħu. Dan kuntrarjament għal dak mistqarr minn SM 143 Noel Buttigieg li stqarr li fiċ-ċella kien hemm kemm l-imputat Patrick Mangion, kif ukoll Sandro Mifsud[23] u għalhekk anke li kieku għall-grazzja tal-argument Sandro Mifsud mar jikkonsma d-droga fiċ-ċella tal-imputat, dan għamlu fil-preżenza tal-imputat stess. Illi għalhekk żgur li l-allegazzjoni tal-imputat li d-droga kienet fiċ-ċella tal-imputat ad insaputa tiegħu, ma hijiex sorretta mill-provi.

Illi għalhekk fid-dawl tal-imsemmija konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar id-droga misjuba fiċ-ċella tiegħu, u għalhekk tqis ukoll illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni ta' pussess ta' droga eroina miġjuba kontra l-imputat ġiet ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi.

Fir-rigward tal-adebitu tar-reċediva, il-prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' numru ta' sentenzi, fosthom sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Edwina Grima, datata wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011), fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli u Spettur Bernard Charles Spiteri) -vs- Patrick Mangion[24], minn liema sentenza jirriżulta li n-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dak il-każ, huwa n-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern. Illi permezz ta' din is-sentenza l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija. Illi mid-depozizzjoni ta' Stephania Calafato Testa jirriżulta li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tqis lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali hija waħda refrattarja u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tqis ukoll li r-reat seħħ fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni u tqis ukoll l-ammont ta' droga misjuba kien wieħed pjuttost konsiderevoli meta wieħed iqis li hawn *si tratta* dwar droga li nstabet fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. F'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 33A** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-imputat kien priġunier fiż-żmien tal-każ odjern. Dan ifisser

23 A fol. 34 tal-atti proċesswali
24 Dok SC 4 a fol. 95 tal-atti proċesswali

illi l-piena applikabbli għandha tiżdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, **33A**, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda issib lill-imputat **Patrick Mangion** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u qegħda tikkundannah għall-piena **ta' sittax-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jitħallsu mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien xahar mill-llum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

*In oltre* ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-*process verbal* tal-inkjesta, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Professur Emanuel Sinagra u tal-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat PC 959 Daniel Formosa, ammontanti għas-somma ta' mitejn u tnejn u sebgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€272.10), liema spejjeż ghandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mill-llum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Deguara